

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.9.2010
KUMM(2010) 483 finali

2010/0249 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra (“il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”), li ilu fis-seħħ mill-1 ta’ Marzu 2000, jipprevedi li l-Komunità u l-Marokk jimplimentaw gradwalment liberalizzazzjoni ikbar tal-kummerċ tagħhom fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.

Fl-14 ta’ Ottubru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati fil-qafas tal-Ftehim Ewro-Mediterranju mar-Renju tal-Marokk, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-progress li għamel ir-Renju tal-Marokk fir-rigward tal-pjan ta’ azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat adottat f’Lulju 2005 sabiex tkun implimentata liberalizzazzjoni ikbar tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd, fl-ispirtu tal-Proċess ta’ Barċellona u f’konformità mal-prinċipji tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u mal-konklużjonijiet tal-Konferenza Ewro-Mediterranja tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin li saret fil-Lussemburgu fit-30 u fil-31 ta’ Mejju 2005.

F’dan il-kuntest u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar l-Agrikoltura li saret f’Venezja fis-27 ta’ Novembru 2003, il-miżuri li ġejjin għandhom b’mod partikolari jagħmlu parti integrali mill-proċess tan-negozjati: il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, l-approssimizzazzjoni tar-regoli tekniċi u l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni, kif ukoll il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Marokkini uffiċjalment taw bidu għan-negozjati fis-26 ta’ Frar 2006 fir-Rabat u kkonkludewhom fl-14 ta’ Diċembru 2009 fi Brussell.

Sabiex jiġu implimentati r-riżultati tan-negozjati, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta s-sostituzzjoni tal-Protokoll Nri 1, 2, u 3 u l-annessi tagħhom, jirrevoka l-Artikolu 10, jemenda t-Titolu tal-Kapitolu II kif ukoll jemenda l-Artikoli 7, 15 u 17 kif ukoll l-Artikolu 18(1). Il-ħsieb taż-żewġ Partijiet huwa li dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2011.

Barra minn hekk, biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni li teżisti rigward il-kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji u dawk li jikkonċernaw l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ, fl-Artikolu 3 tat-Titolu II tal-Protokoll 1 għal dan il-Ftehim ġew inklużi xi dispożizzjonijiet speċifiċi.

Fejn għandha x’taqsam il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-orġini, il-Partijiet iddeċidew li jagħtu bidu għan-negozjati mhux iktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna tapprova u tippreżenta proposti rigward: 1) deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim, u 2) deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

Il-Kunsill qed jiġi mistieden jadotta l-proposta għad-deċiżjoni li ġejja.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-ohra¹ ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2000, jipprevedi li l-Komunità u r-Renju tal-Marokk jimplimentaw gradwalment liberalizzazzjoni ikbar tal-kummerċ reċiproku tagħhom fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.
- (2) F'Lulju 2005 il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk adotta pjan ta' azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jinkludi dispożizzjoni speċifika għal liberalizzazzjoni ikbar fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd.
- (3) Fl-14 ta' Ottubru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati mar-Renju tal-Marokk fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sabiex tintlaħaq liberalizzazzjoni ikbar fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd.
- (4) Fl-14 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati f'isem l-Unjoni għal Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex jiġi emendat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (5) Mingħajr preġudizzju għall-konklużjoni tiegħu f'data sussegwenti, il-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni,

¹ ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat jaħtar lill-persuna awtorizzata biex, f'isem l-Unjoni Ewropea, tiffirma l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa anness ma' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dak inhar li tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra

A. Ittra tal-Unjoni Ewropea

Sinjur(a),

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru skont il-Pjan Direzzjonali Ewro-Mediterranju għall-Agrikoltura (il-Pjan Direzzjonali tar-Rabat) adottat fit-28 ta' Novembru 2005, waqt il-Konferenza Ewro-Mediterranja, mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin, għall-aċċellerazzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd u skont l-Artikoli 16 u 18 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2000, u li jipprevedi li l-Komunità u r-Renju tal-Marokk għandhom jimplimentaw gradwalment liberalizzazzjoni ikbar tal-kummerċ tagħhom fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.

Fil-konklużjoni tan-negozjati, iż-żewġ Partijiet ftiehm fuq l-emendi li ġejjin għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni:

1. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea u fil-Marokk għajr dawk elenkati fil-Kapitolu 1 sa 24 tan-Nomenklatura Maqgħuda (NM) u dawk inklużi fil-punt 1(ii) tal-Anness 1 għall-Ftehim WTO dwar l-Agrikoltura.

2. L-Artikolu 10 għandu jiġi rrevokat.

3. It-titolu tal-Kapitolu II għandu jiġi sostitwit bit-titolu li ġej: "Prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati, ħut u prodotti tas-sajd".

4. L-Artikolu 15 għandu jiġi emendat kif ġej:

"L-espressjonijiet 'prodotti agrikoli', 'prodotti agrikoli pproċessati' kif ukoll 'ħut u prodotti tas-sajd' jirreferu għall-prodotti elenkati fil-Kapitolu 1 sa 24 tan-Nomenklatura Maqgħuda (NM) u għall-prodotti inklużi fil-punt 1(ii) tal-Anness 1 għall-Ftehim WTO dwar l-Agrikoltura."

5. L-Artikolu 17 għandu jiġi emendat kif ġej:

“1. Il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Marokk elenkati fil-Protokoll Nru 1 għandhom jiġu importati fl-Unjoni Ewropea skont l-arranġamenti previsti minn dan il-Protokoll.”

“Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu ma jipprekludux li l-Unjoni Ewropea żżomm komponent agrikolu fl-importazzjoni tal-fruttożju (kodiċi NM 1702 50 00) li joriġina fil-Marokk.

Dan il-komponent agrikolu jirrifletti d-diskrepanzi bejn il-prezzijiet fuq is-suq tal-Unjoni Ewropea tal-prodotti agrikoli meqjusa bħala li ġew użati fil-produzzjoni tal-fruttożju u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li ġejjin minn pajjiżi terzi.”

“2. Il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea elenkati fil-Protokoll Nru 2 għandhom jiġu importati fil-Marokk skont l-arranġamenti previsti minn dan il-Protokoll.”

“Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu ma jipprekludux is-separazzjoni min-naħa tal-Marokk ta’ komponent agrikolu fid-dazji fis-seħħ fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt is-Subkapitolu HS 1902 (għaġin) inklużi fil-Lista 3 tal-Protokoll Nru 2.”

6. L-Artikolu 18(1) għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej:

“1. Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu mhux iktar tard minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim biex jeżaminaw il-possibbiltà li jtejbju b’mod reċiproku l-konċessjonijiet preferenzjali u fir-rigward tal-politika agrikola, is-sensittività u l-karatteristiċi speċifiċi ta’ kull prodott ikkonċernat.”

7. Il-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u l-annessi tagħhom għandhom jiġu sostitwiti b’dawk li jidhru fl-Annessi I u II mehmuża ma’ dan l-iskambju ta’ ittri.

Dan il-Ftehim fil-forma ta’ skambju ta’ ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar ta’ wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta’ aċċettazzjoni.

Inkun grat jekk inti tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mas-suespost.

Sinjur(a), jekk jogħġbok aċċetta l-garanzija tal-ogħla kunsiderazzjoni tiegħi.

Magħmul fi Brussell,

F’isem il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Anness I

PROTOKOLL 1

dwar l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati, ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fir-Renju tal-Marokk

L-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Marokk, għandhom ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti iktar 'l isfel.

Titolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Sabiex tkun aċċellerata l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bilaterali fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Unjoni Ewropea, iż-żewġ Partijiet għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet u konċessjonijiet ġodda skont it-termini tal-Pjan Direzzjonali Euromed tar-Rabat tal-2005 stabbilit għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.
2. Dawn id-dispożizzjonijiet u l-konċessjonijiet ġodda, kif ġew iddikjarati fid-dispożizzjonijiet speċifiċi msemmija iktar 'l isfel, għandhom jirregolaw il-kummerċ bilaterali fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd taż-żewġ Partijiet.

Titolu II: Dispożizzjonijiet speċifiċi

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tariffarji

1. Fid-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, id-dazji doganali (*ad valorem* u speċifiċi) applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Marokk, għandhom jiġu eliminati, ħlief fejn huwa pprovdut mod ieħor fil-paragrafi 2 u 3 għall-prodotti agrikoli u fl-Artikolu 5 għall-prodotti agrikoli pproċessati.
2. Għall-prodotti li joriġinaw fil-Marokk elenkati fl-Anness għal dan il-Protokoll, id-dazji doganali għandhom jitnaqqsu b'perċentwali stipulata fil-kolonna "a" fil-limitu ta' kwota tariffarja stipulata fil-kolonna "b" għal kull wieħed minnhom.

Id-dazji doganali għall-kwantitajiet li jaqbżu l-kwota tariffarja għandhom jitnaqqsu b'perċentwali inkluża fil-kolonna "c" għal kull wieħed minnhom.
3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2:

a) Għall-prodotti suġġetti għal prezz ta' dħul skont l-Artikolu 140a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007², u li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprevedi l-applikazzjoni ta' dazju doganali *ad valorem* u ta' dazju speċifiku, l-eliminazzjoni tad-dazju għandha tapplika biss għall-parti *ad valorem*.

b) Għall-prodotti inklużi iktar 'il quddiem, il-prezzijiet ta' dħul konvenzjonali li, ibda minnhom, id-dazji speċifiċi jitnaqqsu għal zero matul il-perjodi msemmija għandhom ikunu daqs il-prezzijiet imsemmija iktar 'l isfel, u d-dazji doganali *ad valorem* għandhom jiġu eliminati fil-limitu tal-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness għal dan il-Protokoll u għal kwantitajiet illimitati fil-każ tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0709 90 80, 0805 10 20, 0806 10 10, 0809 10 00 u 0809 30.

Kodiċi NM	Prodotti	Perjodu	Prezz ta' dħul konvenzjonali (EUR/100 kg)
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ	01/10 – 31/05	46,1
0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ	01/11 – 31/05	44,9
0709 90 70	Zukkini, frisk jew imkessaħ	01/10 - 31/01	42,4
		01/02-31/03	41,3
		01/04 – 20/04	42,4
0709 90 80	Qaqoċċ tond, frisk jew imkessaħ	01/11 – 31/12	57,1\
0805 10 20	Larinġ ħelu, frisk	01/12 – 31/05	26,4
0805 20 10	Klementina friska	01/11 – tmiem Frar	48,4
0806 10 10	Għeneb tal-mejda, frisk	21/07 – 20/11	35,8
0809 10 00	Berquq frisk	01/06 – 31/07	64,5
0809 30	Ħawħ frisk inkluż nuċiprisk	11/06-30/09	49,1

Għall-prodotti elenkati hawn fuq:

Jekk il-prezz ta' lott huwa 2 %, 4 %, 6 % jew 8 % inqas mill-prezz ta' dħul konvenzjonali, id-dazju doganali preferenzjali speċifiku għandu jkun 2 %, 4 %, 6 % jew 8 % rispettivament ta' dan il-prezz ta' dħul konvenzjonali.

Jekk il-prezz ta' dħul ta' lott huwa inqas minn 92 % tal-prezz ta' dħul konvenzjonali, għandu japplika d-dazju doganali speċifiku ffissat mid-WTO;

Il-prezzijiet ta' dħul konvenzjonali għandhom jitnaqqsu bl-istess proporzjonijiet u bl-istess rata bħall-prezzijiet ta' dħul iffissati mid-WTO.

c) Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1701 u 1702, m'għandha tiġi applikata l-ebda konċessjoni tariffarja preferenzjali ħlief għall-kodiċijiet NM

² ĠU L 299, 16.11.2007 p. 1.

1702 11 00, ex 1702 30 50, ex 1702 30 90 (lattożju u glukożju kimikament pur diġà eżentat mid-dazji doganali) u għall-prodott li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1702 50 00 inkluż fl-Anness għal dan il-Protokoll.

4. Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0707 00 05 u 0709 90 70, il-volumi tal-kwoti tariffarji żdiedu f'erba' partijiet indaqs b'kull waħda tirrappreżenta 3 % tal-ammonti stipulati fil-kolonna "b" tal-Anness għal dan il-Protokoll. L-ewwel żieda għandha sseħħ fid-data tat-tieni ftuħ ta' kull kwota tariffarja wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.
5. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-volum tal-kwoti tariffarji li l-perjodu ta' applikazzjoni tal-kwota tagħhom beda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għandu jiġi kkalkulat *pro rata* għall-volum bażiku, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-perjodu li għadda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet dwar it-tadam

1. Għat-tadam frisk jew imkessaħ, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0702 00 00, għal kull perjodu bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Mejju, iktar 'il quddiem imsejħa "sena tas-suq", it-trattament preferenzjali stipulat fl-Anness għal dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fil-qafas tal-kwoti tariffarji mensili u tal-kwota tariffarja addizzjonali li ġejjin:

<i>Kwoti tariffarji bażiċi mensili</i>	<i>Sena tas-suq 2010/2011</i>	<i>Sena tas-suq 2011/2012</i>	<i>Sena tas-suq 2012/2013</i>	<i>Sena tas-suq 2013/2014</i>	<i>Sena tas-suq 2014/2015 et seq</i>
<i>Ottubru</i>	12 900	13 350	13 800	14 250	14 700
<i>Novembru</i>	33 700	34 900	36 100	37 300	38 500
<i>Diċembru</i>	38 100	39 450	40 800	42 000	43 500
<i>Jannar</i>	38 100	39 450	40 800	42 000	43 500
<i>Frar</i>	38 100	39 450	40 800	42 000	43 500
<i>Marzu</i>	38 100	39 450	40 800	42 000	43 500
<i>April</i>	20 000	20 700	21 400	22 100	22 800
<i>Mejju</i>	6 000	6 250	6 500	6 750	7 000
<i>Total</i>	225 000	233 000	241 000	249 000	257 000
<i>Kwota tariffarja addizzjonali (mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju)</i>	28 000	28 000	28 000	28 000	28 000

2. Il-Marokk jimpenja ruħu sabiex l-użu tal-kwota tariffarja addizzjonali għal xahar partikolari ma jaqbiżx it-30 % ta' din il-kwota addizzjonali.

3. Fil-15 ta' Jannar u fit-tieni jum ta' xogħol wara l-1 ta' April ta' kull sena tas-suq, l-irtirar tal-kwoti tariffarji bażiċi mensili fis-seħħ rispettivament bejn Ottubru u Diċembru u bejn Jannar u Marzu, għandu jispiċċa. Il-jum ta' xogħol segwenti, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jiddeterminaw il-kwantitajiet mhux użati ta' dawn il-kwoti bażiċi mensili biex imbagħad dawn jiġu ttrasferiti lill-kwota addizzjonali ta' din l-istess sena tas-suq. Minn dawn id-dati, kwalunkwe talba għal benefiċċju retroattiv skont waħda mill-kwoti tariffarji bażiċi mensili sospiżi applikabbli matul Novembru, Diċembru u bejn Jannar u Marzu, u kwalunkwe ritorn eventwali tal-kwantitajiet mhux użati b'referenza għal dawn il-kwoti tariffarji bażiċi mensili sospiżi għandhom isiru fuq il-kwota tariffarja addizzjonali ta' din l-istess sena tas-suq.
4. Il-Marokk għandu jinnotifika lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-esportazzjonijiet ta' kull ġimgħa lejn l-Unjoni Ewropea f'terminu li jippermetti notifika preċiża u affidabbli. Dan it-terminu fl-ebda każ m'għandu jaqbeż il-ħmistax-il jum.

Artikolu 4

Kooperazzjoni

1. L-arranġament speċifiku miftiehem fl-Artikolu 2(2) u (3) u fl-Artikolu 3 għandu l-għan li jżomm il-livell tal-esportazzjonijiet Marokkini tradizzjonali lejn l-Unjoni Ewropea u li jevita disturbi fis-swieq Komunitarji.
2. Sabiex dan l-għan jintlaħaq b'mod sħiħ, u sabiex jittejbu l-istabbiltà tas-suq u l-kontinwità tal-provvisti fis-settur tal-frott u tal-veġetali, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin għall-inqas darba fis-sena, jew fi kwalunkwe żmien, fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet, u f'terminu li ma jaqbiżx il-ħamest (5) ijiem ta' xogħol.
3. Il-konsultazzjonijiet għandhom jikkonċernaw il-kummerċ tas-sena tas-suq preċedenti u l-prospetti għas-sena tas-suq li tkun ġejja, b'mod partikolari fejn għandha x'taqsam is-sitwazzjoni tas-suq, il-previżjonijiet tal-produzzjoni, il-prezzijiet tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni antiċipati u l-evoluzzjoni possibbli tas-swieq u l-metodi ta' applikazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi previsti fl-Artikoli 2(3) u 3. Fil-qafas ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Partijiet jistgħu jkunu assistiti, skont il-każ, minn esperti jew rappreżentanti tas-settur.

Artikolu 5

Prodotti agrikoli pproċessati

1. Il-prodotti b'kontenut ta' sukrożju jew ta' isoglukożju ta' 70 % jew aktar stipulati iktar 'l isfel għandhom ikunu suġġetti għal mekkaniżmu speċjali ta' sorveljanza:

Kodiċi NM⁽¹⁾	Deskrizzjoni⁽²⁾
ex 1704 90 99	Ħelu taz-zokkor oħrajn, mingħajr kawkaw li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) imfisser bħala sukrows) jew isoglukows
ex 1806 10 30	Trab tal-kawkaw, li fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu li fihom 70 % jew aktar, iżda inqas minn 80 %, tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukożju imfisser bħala sukrows
1806 10 90	Trab tal-kawkaw, li fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu li fihom 80 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukożju imfisser bħala sukrows
ex 1806 20 95	Preparazzjonijiet oħrajn li fihom il-kawkaw fi blokki, ċangaturi jew biċċiet jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew xi forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakki diretti b'kontenut itqal minn 2 kg li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows
ex 1901 90 99	Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukożju
ex 2101 12 98	Preparazzjonijiet b'bażi ta' kafè, li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukożju
ex 2101 20 98	Preparazzjonijiet b'bażi ta' tè jew matè li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukożju
ex 2106 90 59	Ġuleppijiet taz-zokkor oħrajn imħawrin jew ikkukuriti li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows
ex 2106 90 98	Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn li mhumex speċifikati jew inklużi band'oħra li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows
ex 3302 10 29	Taħlit u preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb li fihom 70 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows

¹ Kodiċijiet NM li jaqblu mar-Regolament (KE) Nru 1031/2008 (ĠU L 291 tal-31 ta' Ottubru 2008)

² Mingħajr preġudizzju għar-regoli għall-implimentazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, l-għażla tal-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tiġi kkunsidrata bħala li m'għandha xejn iktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata, għall-finijiet ta' dan l-Anness, skont il-Kodiċi NM. Fejn huma indikati l-Kodiċijiet NM "ex", l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-Kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

2. F'każ ta' żieda kumulattiva tal-importazzjonijiet tal-prodotti li joriġinaw fil-Marokk stipulati fil-paragrafu 1, b'iktar minn 20 % bħala kwantità matul is-sena kalendarja attwali meta pparagunata mal-medja tal-importazzjonijiet annwali fuq it-tliet snin kalendarji preċedenti, l-Unjoni Ewropea għandha tissospendi l-konċessjoni ta' trattament preferenzjali matul is-sena kalendarja attwali.
3. Il-paragrafu 2 m'għandux ikun applikabbli jekk il-kwantità totali importata mill-bidu tas-sena kalendarja attwali għall-prodotti kollha inklużi fil-paragrafu 1 tkun inqas minn 5 000 tonnellata.
4. Fil-ħamest ijiem ta' xogħol li jsegwu d-data tad-dħul fis-seħħ tas-sospensjoni tat-trattament preferenzjali, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jevalwaw flimkien is-sitwazzjoni tas-suq, f'termini kwantitattivi u f'termini ta'

klassifikazzjoni doganali tal-prodotti inkwistjoni, sabiex jaslu għal ftehim dwar il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid tat-trattament preferenzjali.

5. Hekk kif il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 jiġu sodisfatti, l-Unjoni Ewropea għandha tadotta, f'terminu massimu ta' 15-il jum ta' xogħol, il-miżuri kollha sabiex is-sospensjoni titneħħa b'mod immedjat.

Madankollu, it-trattament preferenzjali jrid jiġi stabbilit mhux iktar tard minn:

- il-bidu tas-sena segwenti jekk is-sospensjoni tidhol fis-seħh qabel it-30 ta' Ġunju
- f'terminu massimu ta' sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ tas-sospensjoni jekk din tidħol fis-seħħ wara t-30 ta' Ġunju.

6. Mhux iktar tard minn tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jeżaminaw flimkien il-funzjonament ta' dan il-mekkaniżmu ta' sorveljanza.

Artikolu 6

Klawżola ta' reviżjoni

Il-Partijiet għandhom jiltaqgħu mhux iktar tard minn tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll biex jeżaminaw il-possibbiltà li jtejbu b'mod reċiproku l-konċessjonijiet preferenzjali u, fejn għandha x'taqsam il-politika agrikola, is-sensittività u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull prodott ikkonċernat.

Artikolu 7

Miżura ta' salvagwardja

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 25 sa 27 tal-Ftehim, jekk, minħabba s-sensittività partikolari tas-swieq agrikoli, l-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-Marokk fi kwantitajiet tant miżjuda, li huma s-suġġett ta' konċessjonijiet mogħtija skont dan il-Protokoll, iwasslu għal disturb serji fis-swieq u/jew għal danni serji għall-industrija tal-produzzjoni, il-Partijiet għandhom immedjatament jagħtu bidu għal konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni xierqa. Sabiex tinstab din is-soluzzjoni, il-Parti importatriċi għandha tkun awtorizzata tiegħu l-miżuri li hija tqis li huma meħtieġa.

Il-miżura ta' salvagwardja, li tittieħed fuq il-bażi tas-subparagrafu preċedenti, tista' tiġi applikata biss għal terminu massimu ta' sena, li jista' jiġġedded darba biss b'deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet sanitarji u fitosanitarji, regolamenti tekniċi u regoli

Il-Partijiet, sabiex jeliminaw l-ostakoli għall-kummerċ tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u l-prodotti tas-sajd, għandhom jiftiehem dwar l-implimentazzjoni, fil-qafas tal-kummerċ bilaterali tagħhom, tad-dispożizzjonijiet li ġejjin fil-qasam tal-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SFS), tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli:

1. Id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji li joħorġu mill-Ftehim tad-WTO dwar l-applikazzjoni ta' miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (Ftehim SFS).
2. L-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji għandha tikkunsidra r-regoli, il-proċeduri u r-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet regolatorji internazzjonali fosthom il-Kummissjoni Codex Alimentarius, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżotiku, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti u l-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti.
3. Id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, tar-regoli u tal-evalwazzjoni tal-konformità, huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar ostakoli tekniċi għall-kummerċ (Ftehim OTK).
4. Il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-ismijiet u d-dettalji tal-punti ta' kuntatt sabiex ikunu ffaċilitati t-trattament u s-soluzzjoni tal-problemi marbuta mal-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 9

Indikazzjonijiet ġeografiċi

Għall-finijiet tal-promozzjoni, tal-valorizzazzjoni tal-produzzjoni ta' kwalità u tal-protezzjoni tat-tikketti ta' kwalità u skont it-termini tal-Pjan Direzzjonali Euromed għall-Agrikoltura tal-2005, iż-żewġ Partijiet taw bidu għal diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

Fi tmiem dawn id-diskussjonijiet, u fid-dawl tal-interess kondiviż sabiex ikun konkluż ftehim dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, għall-prodotti agrikoli pproċessati, għall-ħut u għall-prodotti tas-sajd bejn iż-żewġ Partijiet, huma qablu li jagħtu bidu għal negozjati mhux iktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 10

Inbejjed bid-denominazzjoni tal-orijini

L-inbejjed b'indikazzjoni ġeografika li joriġinaw fil-Marokk u li huma ttikkettati bħal inbejjed "b'denominazzjoni tal-orijini kkontrollata" f'konformità mal-liġi tal-Marokk, għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument V I 1 jew V I 2 skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 555/2008³ u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2), dwar iċ-ċertifikati u l-analiżijiet mitluba għall-importazzjoni tal-inbejjed, tal-meraġ tal-ġhenab u tal-most tal-ġhenab.

³

ĠU L 170, 30.06.2008, p.1.

ANNEX GĦALL-PROTOKOLL 1

dwar l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fir-Renju tal-Marokk

Kodiċi NM ⁽¹⁾	Deskrizzjoni ⁽²⁾	a	b	c
		Tnaqqis tad-dazju doganali applikabbli għall-kwota MFN (Nazzjon l-Iktar Iffavorit) (%)	Kwota tariffarja annwali jew għall-perjodu indikat (tunnellati f'piż nett)	Tnaqqis tad-dazji doganali MFN lil hinn mill-kwoti tariffarji eżistenti (%)
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	100	Ara l-Artikolu 3	60 %
0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	60	illimitata	
0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ	100	1 500	-
0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju	100	15 000	-
0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru	100	illimitata	
0709 90 70	Zukkini, friski jew imkessħa mill-1 ta' Ottubru sal-20 ta' April	100	50 000	-
0709 90 70	Zukkini, friski jew imkessħa mill-21 ta' April sal-31 ta' Mejju	60	illimitata	
0805 20 10	Klementina friska mill-1 ta' Novembru sa tmiem Frar	100	175 000	80 %
0805 20 10	Klementina friska mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru	100	illimitata	
0810 10 00	Frawli friski mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu	100	illimitata	
0810 10 00	Frawli friski mill-1 ta' April sat-30 ta' April	100	3 600	-

0810 10 00	Frawli friski mill- 1 ta' Mejju sal- 31 ta' Mejju	50	1 000	-
------------	---	----	-------	---

0810 10 00	Frawli friski mill- 1 ta' Ġunju sal- 31 ta' Ottubru	0	-	
1702 50 00	Fruttożju kimikalment pur	100	600	100 % fuq id- dazju <i>ad valorem</i> + 30 % fuq l-EA ³ fuq 3 snin (10 % fis-sena)

¹ Kodiċijiet NM li jaqblu mar-Regolament (KE) Nru 1031/2008 (ĠU L 291 tal-31 ta' Ottubru 2008)

² Mingħajr preġudizzju għar-regoli għall-implimentazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, l-għażla tal-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tiġi kkunsidrata bħala li m'għandha xejn iktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata, għall-finiġiet ta' dan l-Anness, skont il-Kodiċi NM. Fejn huma indikati l-Kodiċijiet NM "ex", l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-Kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

³ EA: komponent agrikolu, kif stipulat fir-Regolament 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 (ĠU L318 tal-20/12/1993)

Anness II

PROTOKOLL 2

dwar l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fir-Renju tal-Marokk tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea

L-importazzjonijiet fir-Renju tal-Marokk tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti iktar 'l isfel.

Titolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Sabiex tkun aċċellerata l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bilaterali fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Unjoni Ewropea, iż-żewġ Partijiet għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet u konċessjonijiet ġodda skont it-termini tal-Pjan Direzzjonali Euromed tar-Rabat tal-2005 stabbilit għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.
2. Dawn id-dispożizzjonijiet u l-konċessjonijiet ġodda, kif ġew iddikjarati fid-dispożizzjonijiet speċifiċi msemmija iktar 'l isfel, għandhom jirregolaw il-kummerċ bilaterali tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u l-prodotti tas-sajd taż-żewġ Partijiet.

Titolu II: Dispożizzjonijiet speċifiċi

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tariffarji

1. Fid-data ta' meta jidhul fis-seħħ dan il-Protokoll, l-importazzjonijiet fir-Renju tal-Marokk tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Listi (1), (2) u (3) annessi ma' dan il-Protokoll.
2. Il-prodotti elenkati fil-Lista (1) annessa ma' dan il-Protokoll għandhom ikunu suġġetti għal proċess ta' liberalizzazzjoni fuq il-bażi ta' żmontar lineari annwali (f'partijiet indaqs) tad-dazji doganali skont l-indikazzjonijiet li ġejjin speċifikati fil-kolonna "a" mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim:
 - G1, id-dazji doganali għandhom jiġu eliminati mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll
 - G2, id-dazji doganali għandhom jiġu żmontati b'mod lineari mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll sakemm ma jkunx hemm dazju doganali fi żmien ħames (5) snin; għall-prodotti ta' dan il-grupp immarkati b'asterisk fil-kolonna "a", il-perjodu ta' żmontar huwa ta' sentejn mill-1 ta' Marzu 2010.

- G3, id-dazji doganali għandhom jiġu żmontati b'mod lineari mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll sakemm ma jkunx hemm dazju doganali fi żmien għaxar (10) snin.
3. Għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea elenkati fil-Lista (2) annessa ma' dan il-Protokoll u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, id-dazji doganali għandhom jitnaqqsu b'perċentwali stipulata fil-kolonna "a" fil-limitu tal-kwota tariffarja inkluża fil-kolonna "b" għal kull wieħed minnhom.

Lil hinn mill-kwota tariffarja, id-dazji doganali għandhom jiġu żmontati b'mod lineari mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim skont l-iskema stipulata għal kull wieħed mill-gruppi G2 jew G3 imsemmija fil-paragrafu 2.
 4. Għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea li mhumiex suġġetti għal proċess ta' liberalizzazzjoni, elenkati fil-Lista (3) annessa ma' dan il-Protokoll, id-dazji doganali għandhom jitnaqqsu b'perċentwali inkluża fil-kolonna "a" fil-limitu tal-kwota tariffarja stipulata fil-kolonna "b" għal kull wieħed minnhom. It-trattament barra mill-kwota huwa d-dazju MFN fis-seħħ.
 5. Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet HS 1701, m'għandha tiġi applikata l-ebda konċessjoni tariffarja preferenzjali ħlief għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet HS 1701 99 10 11; 17 01 99 10 19; 17 01 99 20 00 u 17 01 99 99 00 stipulati fil-Lista 1 annessa ma' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet dwar iċ-ċereali

1. Għaċ-ċereali tal-Kodiċi Marokkin 1001 90 90 10, l-iffissar ta' kwota tariffarja skont in-nota ta' qiegħ il-paġna 2 tal-Lista 3 ta' dan il-Protokoll għandu jsir fuq il-bażi tal-produzzjoni Marokkina għas-sena attwali, kif stmata u ppubblikata mill-awtoritajiet Marokkin matul ix-xahar ta' Mejju. Din il-kwota għandha, skont il-każ, tiġi adattata fi tmiem Lulju wara komunikazzjoni tal-awtoritajiet Marokkini li tiffissa l-volum definittiv tal-produzzjoni Marokkina. Ir-riżultat ta' dan l-adattament jista', madankollu, jiġi aġġustat skont qbil komuni bejn il-Partijiet b'5 % 'il fuq jew 'il isfel skont ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4.
2. Il-kwota tariffarja msemmija iktar 'il fuq m'għandhiex tapplika għax-xhur ta' Ġunju u ta' Lulju. Waqt il-konsultazzjonijiet previsti f'paragrafu iktar 'il fuq, il-Partijiet għandhom jiftiehm sabiex jeżaminaw l-opportunità li jestendu dan il-perjodu fid-dawl tal-previżjonijiet tas-suq Marokkin. Madankollu, din l-estensjoni ma' tistax taqbeż il-31 ta' Awwissu.
